MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-2 ta' Jannar, 2012

Numru 645/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**
**VS**
**MICHAEL MUSCAT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Michael Muscat ta’ 67 sena, bin Mary Muscat, imwieled l-Hamrun fis-16 ta’ Mejju 1944, residenti numru 46, Triq iz-Zurrieq, Birzebbuga u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 565644(M).

Akkuzat talli gewwa Birzebbuga, bejn is-snin 2006 u 2011, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda cioe talli:-

1. ghamel jew ipproduca jew ippermetta li jigi maghmul jew prodott xi materjal indecenti jew ipproduca, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih innifsu jew ghal haddiehor, jew wera dak il-materjal indecenti, reat li gie kommess fuq persuni vulnerabbli skond il-ligi;

2. kiseb, xjentament akkwista access permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni ghal, jew kellu fil-pussess tieghu, xi materjal indecenti li juri, jaghti stampa ta' jew jirraprezenta xi persuna ta' taht l-eta', anke ta' persuni li m'ghalqux l-eta' ta' disa' snin, cioe lil (Ommisses Minuri 1) u (Ommisses Minuri 2) ;

3. ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta' u cioe ma' (Ommisses Minuri 1) u (Ommisses Minuri 2) ;

4. ikkorrompa l-persuni ta' taht l-eta' cioe ta' l-istess minuri (Ommisses Minuri 1) u (Ommisses Minuri 2) ;

5. eccita, ghen jew iffacilita l-korruzzjoni ta' persuna ta' taht l-eta' tas-sess l-wiehed jew l-iehor, cioe tal-istess minuri (Ommisses Minuri 1) u (Ommisses Minuri 2) , persuna ta' taht l-eta;

6. gieghel persuni ta' taht l-eta f'attivitajiet sesswali ma xi persuni ohrajn;

7. xjentament gieghel ghal skopijiet sesswali, persuni ta' taht l-eta' u vulnerabbli sabiex jkun prezenti waqt abbuz sesswali jew attivitajiet sesswali, ukoll jekk dik il-persuna ma waslitx biex tkun mgieghla tiehu sehem fl-attivitajiet;

8. xjentament gieghel, ghal skopijiet sesswali, persuna ta' taht l-eta' sabiex tippartecipa f'imgieba esplicitament sesswali, vera jew simulata jew wiri t'organi sesswali, inkluz permezz ta' teknologija ta' informazzjoni u komunikazzjoni;

9. xjentament attendejt ghal wirja pornografika li fiha hadu sehem tfal ta’ taht l-eta’.

Il-Qorti hija mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ l-imsemmija (Ommisses Minuri 1) , (Ommisses Minuri 2) u l-familja taghhom, kif ukoll ghax-xhieda okulari ohra tal-Prosekuzzjoni u minn issa tapplika l-provvediment tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta’ Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra li tinfligi il-piena stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol 27) taht liema Artikoli din il-Qorti tista’ issib htijja fl-imputat;

Rat il-verbal tas-16 ta’ Novembru 2011 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-amissjoni ta’ l-imputat tal-31 ta’ Mejju 2011;

Semghet il-konferma ta’ l-istess amissjoni, wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghall- ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda diversi akkuzi ta’ korruzzjoni ta’ minorenni, ta’ zewgt itfal da parti ta’ l-imputat kif ukoll sensiela ta’ akkuzi rigward ta’ pornografija tat-tfal .

Illi mid-dikjarazzjoni ta’ (Ommisses Minuri 1) jirrizulta illi huwa kien sar jaf lill imputat meta kellu xi seba’ snin, ghaliex l-imputat kien ikun ix-xatt ta’ Birzebbuga bil-kelb tieghu. (Ommisses Minuri 1) stqarr li l-imputat kien stiednu id-dar sabiex joqghod jilghab mal-kelb, u minn hemm, beda jmur id-dar ta’ Michael Muscat kwazi kuljum ghall-habta tat-tlieta u nofs ta’ wara nofsinhar. L-imputat kien ihallih jilghab fuq il-kompjuter u waqt illi l-minuri kien ikun fuq il-kompjuter, l-imputat kien idahhal idejh taht il-qalziet u l-flokk tal-minuri u joqghod ibabas il-partijiet genitali tieghu. Wara din l-attivita, l-imputat kien jaghtih il-flus, cioe bejn tlett ewro (3) u ghoxrin (20) ewro.Illi ghaldaqstant il-minuri (Ommisses Minuri 1) kien baqa’ jmur ta’ kuljum ghaliex it-tentazzjoni tal-flus kienet ghelbitu. Wara xi zmien l-imputat kien beda jiffitta lill-(Ommisses Minuri 1) sabiex dan igiblu xi tfal ohra. (Ommisses Minuri 1) stqarr li kien hadlu lill certu (Ommisses Minuri 3) minn Birzebbugia illum jghix Londra, u aktar ricenti kien ha lill-imputat lill minuri (Ommisses Minuri 2) , ghaliex dan kien ilmenta mieghu li ma kellux flus. Illi meta marru ghand l-imputat, iz-zewg minuri bdew jimmasturbaw lillhom infushom waqt li l-imputat kien qieghed jigbdilhom filmat, liema filmat fil-fatt gie muri lilhom mill-imputat. Illi il-minuri stqarrew li kienu ftehmu ma Michael fuq prezz ta’ tletin (30) ewro kull wiehed. Dak il-hin, l-imputat taghhom hames (5) ewro u l-ghada hallashom hamsa u ghoxrin (25) ewro kull wiehed. Il-minuri iddikjaraw li kienu regghu marru l-gurnata ta’ wara ghall l-istess attivita, izda din id-darba l-imputat ipprovdilhom *vibrator*, li (Ommisses Minuri 1) isejhilha “magna”(“din il-magna thoss qisek textix” ara pagna 2 ta DOK XPC1), u rega’ hallashom sbatax -il(17) ewro kull wiehed. Il-minuri (Ommisses Minuri 1) stqarr li l-imputat gieli tah erbghin (40) ewro sabiex l-imputat jimmasturbah. Il-minuri (Ommisses Minuri 1) stqarr li hu qatt ma mess il-parti genitali ta’ l-imputat u qatt ma ippermettilu li jbusu.

(Ommisses Minuri 2) fl’isqarrija tieghu DOK XPC 2 ikkonferma dak kollu li stqarr (Ommisses Minuri 1) ; u cioe li kien jara lill-(Ommisses Minuri 1) dejjem bill-flus fil-but, li(Ommisses Minuri 2) kien hajjru imur ghand l-imputat biex jaqla l-flus; kif marru id-dar ta’ l-imputat,

immasturbaw lilhom infushom waqt li l-imputat gibed filmat taghhom gharwenin jippartecipaw f'din l-attivita; dwar il-pagament fil-gurnata ta' wara; u l-uzu tal-*vibrator* li gie moghti lilu mill-imputat Muscat.

Ikkonsidrat:

L-imputat jinstab akkuzat taht l-Artikolu 203 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:

***203 (1) Kull min, b'eghmil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht l-eta', tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha:***

***Izda, il-piena ghal dan id-delitt tkun ta' prigunerija minn tliet snin sa sitt snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha, f'kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:***

***(a) jekk id-delitt isir bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax-il sena, inkella bi vjolenza;***
***(b) jekk id-*****delitt** ***isir b'theddid jew b'qerq;***
***(c) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu.***

Illi l-gurisprudenza tal-Qrati Maltin tipprovdi diversi pronunzjamenti dwar is-sinjifikat ta' "atti di libidini" jew "lewd acts", illi pero', fil-fehma ta' din il-Qorti, is-sentenza tal-Qorti tal-Kriminali fil-kaz Pulizija vs Wiffen hija dik l-aktar saljenti.

Illi il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija versus Wiffen, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Gaetano kkonfermat:

***Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza"***
***(Manzini, V., op. cit., p. 359).***

***The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.***

Illi fil-kaz in ezami, jirrizulta pprovat illi l-atti li wettaq l-imputat, u cioe', it-tokkament ta' sider, u l-mess tal-partijiet genitali tal-minuri (Ommisses Minuri 1) u (Ommisses Minuri 2) , jikkostitwixxu facilment, dak illi l-Ligi u l-gurisprudenza fuq indikata, tikkategorizza bhala 'lewd acts' jew atti di libidini'.

Illi l-istess sentenza pronunzjata mill-Qorti tal-Appell Kriminali tghaddi biex tezamina mbaghad l-element ta' korruzzjoni attwali tal-istess minuri u tghid is-segwenti:

***'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.'***

Il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk kemm-il darba l-atti prattikati fuq il-minuri attwalment wasslux sabiex jikkorrompu l-istess minuri u ghal dan il-ghan ghamlet referenza wkoll ghall-insenjament tal-principji enuncjati fil-kawza **Pulizija versus Carmelo Spiteri deciza fl-20 ta' Marzu 1989 mill-Qorti tal-Appell Kriminali;**

***'Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203, minhabba hajja dedikata ghall-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali, ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficli wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn din il-Qorti, izda huwa cert ukoll li l-esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita' li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, in re, Il-Pulizija versus George Portelli, deciza fit-2 ta' Frar 1975, (fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-tejorija moderata tal-Maino), mhux qed jinghad li persuna gia parzjalment korrotta, ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc.'***

Illi di piu' fis-sentenza **Pulizija versus Andrew Bonnici**, deciza fit-23 ta' Jannar 1998, il-**Qorti tal-Appell Kriminali** qalet is-segwenti:

***'Tifel ta' appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta' dak li jkun, u altru impozizzjoni ta' sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integrita' morali tal-minorenni.'***

Illi fil-kaz in ezami, din il-Qorti ghandha quddiema tifel ta' appena seba' (7) snin, illi ma kien gie espost ghal ebda esperjenza sesswali qabel it-tokkament da parti ta' l-imputat. Illi ghalhekk jidher b'mod mill-aktar evidenti, illi t-tokkamenti tas-sider u tal-genitalja tieghu huma atti li minnhom infishom huma kapaci li jikkorrompu tifel ta' seba' (7) snin. Il-prova ta' korruzzjoni attwali ta' dan it-tifel huwa zgaccanti, tant hu hekk, illi l-istess minuri kien instrumentali ghall-korruzzjoni ta' minuri iehor li kien sostanzjalment akbar minnhu fl-eta.

Illi apparti dan kollhu jirrizulta l-agravju mahsuba taht l-Artiklu 203 (1)(a) u cioe l-aggravju tal-eta' tenera tal-minuri u cioe' li l-atti di libidini gew prattikati fuq tifel ta' anqas minn tnax (12)-il sena. Illi di piu', dan il-kaz non si tratta ta' tokkament uniku jew momentarju izda ta' diversi tokkamenti, kwasi ta' kuljum fuq il-minuri (Ommisses Minuri 1) illi twettqu fuq perjodu ta' hames snin; bil-prattika ta'qerq sottili sakemm l-imputat dahhal lill minuri id-dar tieghu fl-ewwel okkazjoni , (dan bl-uzu ta' annimali domestici) segwit dan kollu bil-pagament ta' kuljum ta' flejjes li ghal tifel ta' seba' (7) snin kienu tezor zghir. Dan l-istat ta' fatt ukoll jawmenta s-serjeta' tal-korruzzjoni prattikata ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap 9. Illi di piu dan l-abbuz sesswali ma sarx biss fuq tifel wiehed izda twettaq ukoll fuq minuri iehor cioe (Ommisses Minuri 2) ta' hmistax il-sena.

Illi apparti dan kollu, l-imputat jinstab akkuzat b'sensiela ta' reati li ghandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni u tixrid ta' pornografija tat-tfal. Illi l-membri tas-*Cyber Crime Unit* li wettqu l-analizi tas-sistema tal-komjuter u l-kameras ta' l-imputat, kif ukoll *hard disks* u kwantita ta' *optical diskettes* u *floppy disks*, ezebew ir-rapporti taghhom DOK PC u PC1. Illi dawn ir-rapporti juru ammont konsiderevoli ta' imagini ta' pornografija tat-tfal, anka ta' tfal taht id-disa' (9) snin. L-istess rapporti juri li kien hemm ammont sostanzjarju ta' imagini iklassifikati bhala *level 7* (ara Appendix E ta ' DOK PC).

Illi ghaldaqstant, u fuq l-istess amissjoni tieghu, il-Qorti issib lill-imputat **Michael Muscat** hati skond l-akkuza,

b'assorbiment ghall fini ta' piena tat-tielet (3),il-hames, is-sitt (6), is-seba' (7) akkuza fir-raba' (4) akkuza,  u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 203(1)(a), 203A, 204C(1), 204D(a)(b)(c)(e), 208A(1), 208AC(1)(b), 533 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,  tikkundanna lill-imputat ghall- sitt snin prigunerija, waqt li torna li l-imputat ihallas l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dawn il-proceduri.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fedina penali tieghu, il-gravita ta' l-abbuz sesswali prattikat fuq il-minuri, l-eta' tenerissima ta' wiehed mill-minuri, il-medda ta' snin li fiha gie pprattikat dan l-abbuz sesswali li wettaq manakament morali u ttrasforma zewgt it-tfal , fi prostituti maskili.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------